**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 1 ta' April 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 26/2015 BS**

**AA**

**-vs-**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' AA illi ppremettiet:**

i. Illi minn relazzjoni li kellhom l-partijiet twieldet tifla bl-isem ta' CC, li illum għandha sebgħa snin hekk kif jidher mill-anness ċertifikat tat-twelid Dokument A;

ii. Illi wara t-twelid tat-tifla l-partijiet għamlu xi żmien jgħixu flimkien, pero imbagħad ir-relazzjoni tagħhom spiċċat b'tali mod li l-

esponenti kellha tirrikorri l-Qorti sabiex jiġu regolati l-affarijiet tal-minuri. Infatti u *inter alia* minħabba l-atteġġjament vjolenti tal-konvenut kienet anke inħarġet ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-esponenti;

iii. Illi wara xi żmien u bit-tama li l-affarijiet bejn l-partijiet setgħu jitranġaw huma reġgħu bdew jikkoabitaw flimkien, bir-riżultat pero li din l-konvivenza damet biss ftit xhur għax l-esponenti ma setgħetx tiflaħ l-atteġġjament vjolenti u l-aġir tal-konvenut li *inter alia* kien jeħdilha l-paga kollha li taqla hi u jħallijha bla flus;

iv. Illi dan wassal biex fit-tletin (30) ta' Ġunju 2015 in segwitu għall-inċident li kien hemm l-esponenti telqet mill-appartament fejn kienet qed tgħix mal-istess konvenut u binthom;

v. Illi konsegwentement l-istess konvenut għamel rikors urġenti quddiem l-Onorabili Qorti sabiex huwa jiġi afdat bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri kif ukoll biex l-esponenti tiġi kkundannata tħallas l-manteniment lilu fl-interess ta' binthom. Infatti l-istess rikors ġie degretat bla ma kien hemm notifika lil esponenti u l-istess konvenut ġie afdat bil-kura u l-kustodja ta' binthom;

vi. Illi eventwalment fuq talba tal-istess esponenti għal aċċess, l-Onorabbili Qorti kienet ordnat li l-esponenti jkollha aċċess superviżjonat. Peress li r-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u bintha hija ottima, l-istess aċċess dam superviżjonat biss għal madwar xahar u preżentement l-esponenti qed teżerċita l-aċċess għall-minuri darba f'gimgħa għal erbgħa sagħat kull darba mingħajr superviżjoni;

vii. Illi l-esponenti saret taf ukoll li l-konvenut ad insaputa tagħha biddel l-iskola tal-minuri minn dik tal-Qala għal dik taż-Żebbuġ u dan mingħajr ma l-esponenti kienet taf;

viii. Illi l-aċċess kif inhu preżentement ma huwiex fl-aħjar interess tal-minuri u dana peress li r-rwol tal-omm apparti li qed jiġi sostitwit minn dak taz-zijiet paterni, qed jiġi wara l-attivitajiet extra-kurrikulari kollha tal-minuri;

ix. Illi permezz ta' digriet datat 30 ta' Settembru 2015 l-esponenti ġiet awtorizzata tippreżenta din l-kawża, liema digriet qiegħed jiġi esebit bħala Dokument B.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri CC f'idejn l-attriċi u tiffissa modalitajiet li fihom l-konvenut għandu jeżerċita l-aċċess għal minuri u dan jekk hemm bżonn taħt is-superviżjoni tal-assistenti soċjali;

ii. Tordna lil konvenut iħallas retta alimentarja xierqa u ġusta lil attriċi għal binthom minuri u dan tenut kont tad-dħul tal-istess konvenut u tal-bżonnijiet tal-minuri;

iii. Tagħti dawk l-ordnijiet kollha li tħoss xierqa u opportuni in konnessjoni mat-trobbija tal-minuri CC.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' BB illi eċċepixxa:**

1. Illi fl-ewwel lok ai termini tal-Artikolu 158 il-konvenut jiddikjara illi filwaqt li jaqbel mal-ewwel premessa, huwa qed jikkontesta l-premessi l-oħra kollha tal-attriċi kif magħmula fir-Rikors Ġuramentat tagħha u għalhekk it-talbiet kollha ta' AA għandhom jiġu respinti peress li huma bbażati fuq premessi żbaljati;

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tkissret minħabba li l-attriċi ħabta u sabta qabdet u marret tgħix ma raġel ieħor f'Malta u mhux minħabba vjolenza kif allegat minnha;

3. Illi kif joħroġ mill-atti tal-ittra tal-medjazzjoni, r-rikorsi u x-xhieda kollha li saret fl-atti tagħhom kif ukoll dawk li ser jiġu prodotti fl-atti ta' din il-kawża jidher b'mod ċar illi l-attriċi ma hijiex denja li jkollha l-kura u l-kustodja ta' bintha l-minuri u dan fid-dawl tal-fatt li kienet hi li telqet mid-dar ta' residenza tal-partijiet u ħalliet lill-minuri waħedha ġurnata sħiħa sakemm il-missier wasal lura mix-xogħol u sab lill-minuri waħedha kif ukoll peress li hija jinteressah biss mir-relazzjoni ma terza u mhux mill-minuri;

4. Illi t-talba għal ħlas ta' retta alimentari għall-minuri ukoll għandha tiġi respinta peress li huwa l-esponenti li qed jipprovdi kollox għall-minuri;

Għaldaqstant it-talbiet kollha tal-attriċi għandhom jiġu respinti.

Bl-ispejjeż kontra tagħha.

Salv eċċezzjonijiet oħra fil-fatt u fid-dritt.

**Rat il-kontrotalba ta' BB illi ppremetta:**

1. Illi mir-relazzjoni li l-esponenti kellu ma AA twieldet tifla li illum għandha seba' snin u li jisimha CC;

2. Illi matul l-aħħar snin il-partijiet għexu għal żmien twil flimkien għalkemm kien hemm okkażjonijiet fejn ma kienux flimkien minħabba diversi differenzi li kien hemm bejniethom dejjem maħluqa mir-relazzjoni ma terzi ta' AA;

3. Illi kull darba li AA telqet mid-dar fejn kienet tgħix ma BB dejjem kien għax kellha relazzjoni ma persuna oħra. Infatti kien hemm żmien għall-habta ta' Settembru 2013 fejn marret tgħix ma persuna f'Malta u ħadet lit-tifla minuri magħha f' Malta fejn damet tgħix hemm sal-Milied 2014;

4. Illi fit-tletin (30) ta' Ġunju tal-2015 għal darb'oħra AA reġgħet telqet mill-appartment fejn kienet tgħix mal-esponenti iżda din id-darba abbandunat lit-tifla minuri u ħallietha weħidha fl-appartament sakemm nstabet mill-esponenti u oħtu diversi siegħat wara. AA għamlet madwar 10 ġimgħat fejn ma għamlet l-ebda kuntatt ma bintha minuri;

5. Illi fl-aħħar sitt xhur l-esponenti ħa ħsieb lill-bintu u ma ħalliha nieqsa minn xejn filwaqt li AA għexet f' Malta mal-partner ġdid tagħha;

6. Illi permezz ta' digriet datat 30 ta' Settembru 2015 il-partijiet ġew awtorizzati jippreżentaw din il-kawża.

Tghid għalhekk AA għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex :

(i) Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri CC f'idejn missierha l-esponenti BB u tiffissa l-modalitajiet li fihom AA għandha teżerċita l-aċċess għall-minuri u dan jekk hemm bżonn taħt is- superviżjoni tal-assistenti soċjali;

(ii) Tiffissa r-retta alimentari pagabbli illi għandha tiġi prestata minn AA għal bint minuri CC u tikkundanna lill-istess AA tħallas tali retta alimentari kif iffissata minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż ta' din il-kontrotalba u dawk tal-proċeduri quddiem il-medjatriċi kontra AA li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.

**PRELIMINARI**

Rat l-atti kollha tal-kawża u x-xhieda miġbura.

Rat id-digriet tal-14 ta' Jannar 2016 mogħti minn din il-Qorti kif dak inhar presjeduta fejn laqgħet it-talba tal-partijiet u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 99/12PC, 84/12PC u 56/2015 PC.

Rat l-atti allegati.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Settembru 2020 li bih il-Qorti nnominat lir-Reverendu Joseph Farrugia, psikologu, sabiex iżomm seduta mal-minuri CC sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex fl-interess tal-minuri li din tistabilixxi relazzjoni ma' l-attriċi ommha.

Rat ir-relazzjoni redatta mill-espert psikologu liema relazzjoni ġiet ikkonfermata bil-ġurament fl-10 ta' Novembru 2020.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru 2021 fejn wara illi tkellmet mal-minuri kkonċernata u wara li semgħet lill-partijiet, ordnat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata f'idejn in-nanniet materni b'aċċess liberu kemm għall-omm kif ukoll għall-missier. Il-Qorti ordnat ukoll illi in vista tal-fatt illi l-kura u l-kustodja kienet qiegħda tiġi fdata f'idejn in-nanniet materni, l-attriċi ma kelliex tkompli tivversa manteniment lill-konvenut għar-rigward il-minuri.

Rat ukoll illi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2022 l-attriċi ddikjarat illi in vista tal-iżviluppi li seħħew fil-mori tal-kawża hija kienet qiegħda żżomm ferm l-ewwel u t-tielet talba mingħajr preġudizzju għal kull dritt li jista' jkollha l-attriċi fil-futur in kwantu għandu x'jaqsam mar-retta alimentari għall-minuri. L-attriċi għalhekk iddikjarat illi f'dan l-istadju mhijiex ser tkompli tinsisti fuq it-tieni talba.

Semgħet it-trattazzjoni finali għall-attriċi.

Rat illi l-kawża ġiet differita għal lum ghas-sentenza in difetto ostacolo.

**Ikkunsidrat**

Il-minuri CC twieldet minn relazzjoni intima li l-partijiet kellhom bejniethom. Għalkemm inizzjalment ir-relazzjoni jidher illi kienet waħda feliċi maż-żmien ir-relazzjoni xxelfet u l-partijiet temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Il-verżjoni tal-attriċi hija li r-relazzjoni xxelfet konsegwenza ta' aġir abbużiv u vjolenti da parti tal-konvenut. Mill-banda l-oħra, il-konvenut jgħid illi kienet proprju l-attriċi li waqqfet ir-relazzjoni, telqet mid-dar ħabta u sabta u ħalliet lill-minuri warajha.

Mill-atti jirriżulta li konsegwenza tat-tilwim bejn il-ġenituri l-attriċi ħassitha kostretta titlaq mid-dar, senjatament l-appartament li fih kienet qiegħda tgħix flimkien mal-konvenut u binthom minuri. Hija l-attriċi stess illi tgħid illi għażlet li tħalli lill-minuri warajha għar-raġuni illi dak iż-żmien ma kelliex fejn tmur u għalhekk ma kelliex saqaf x'toffri lill-minuri. Ħasset għalhekk illi jkun aktar għaqli li l-minuri tibqa' mal-missier fl-appartament fejn kienu jgħixu.

Jirriżulta illi l-attriċi kellha ħajja xi ftit turbolenti. Ta' sbatax (17)-il sena bdiet toħroġ mal-konvenut u sitt xhur biss wara li bdew din ir-relazzjoni l-attriċi ħarġet tqila. Minn kopja tar-rapporti li saru mal-Pulizija Eżekuttiva u li kopja tagħhom ġiet esebita in atti, jidher illi r-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut xellfet ir-relazzjoni li l-attriċi kellha mal-ġenituri tagħha. Jirriżulta wkoll illi l-attriċi għal xi perijodu ma kelliex stabbilita' fil-ħajja tagħha u dan mhux biss għaliex ma kelliex residenza fissa iżda għaliex lanqas kellha impjieg regolari fuq medda ta' żmien. Dan apparti l-fatt illi jirriżulta li l-attriċi kellha diversi relazzjonijiet ma' rġiel oħra u minn dawn ir-relazzjonijiet kellha wkoll l-ulied.

Mir-rapporti redatti mill-ħaddiema soċjali jidher bil-wisq evidenti li l-attriċi kienet persuna instabbli maħkuma minn relazzjonijiet abbużivi tant illi f'punt minnhom qatgħet kull kuntatt ma' bintha għar-raġuni li s-sieħeb tagħha ta' dak iż-żmien ġiegħlha tagħżel bejnu u bejn bintha. Sfortunatament il-minuri spiċċat issofri l-konsegwenzi ta' dan kollu billi ġiet imċaħħda minn ommha tant li ħassitha rifjutatha minn ommha.

Madanakollu, minkejja kemm diffikultajiet u turbolenzi, l-attriċi għamlet sforz illi tattendi għal-sessjonijiet ta' *counselling* u llum jidher illi stabbiliet ruħha ġewwa Għawdex b'mod permanenti u mill-*employment history* tagħha jidher ukoll illi tinsab f'impjieg.

Il-Qorti reġgħet rat ir-rikors b'urġenza li l-attriċi ntavolat fis-16 ta' Novembru 2021. F'dan ir-rikors l-attriċi tgħid illi l-minuri kienet mgħowwija minn missierha kontra ommha u li saħansitra l-minuri kienet qiegħda tiġi maħqura u msawwta. Tajjeb jingħad illi għalkemm jidher li sar rapport f'dan ir-rigward, ir-rapport relattiv baqa' ma ġiex eżebit fl-atti. Lanqas ma huwa magħruf jekk ittieħdux passi fil-konfront tal-konvenut. Id-difensur legali tal-attriċi kkonferma li l-minuri kemm il-darba talbitu jgħinha legalment sabiex tmur tgħix m'ommha għaliex ma riditx tibqa'

aktar mal-missier. L-attriċi tgħid ukoll illi hi u l-minuri baqgħu jiltaqgħu bil-moħbi tal-missier sabiex il-minuri ma tbagħtix ir-riperkussjonijiet għaliex tkun iltaqgħet ma' ommha.

Eżaminati l-atti l-Qorti tara illi l-folja xaqilbet xi ftit fil-kors tal-proċeduri. Fl-atti hemm rapporti redatti mill-ħaddiema soċjali fejn jinsab riportat illi l-minuri kienet qiegħda tirrifjuta kategorikament illi tiltaqa' mal-attriċi ommha għar-raġuni li l-minuri kienet qiegħda tgħid li ħassitha abbandunata minn ommha. Fil-fatt, jirriżulta li kien hemm diversi drabi fejn l-attriċi m'eżerċitatx aċċess u minflok ħalliet lill-minuri tistenniha għalxejn. Dan ukoll ġie kkonfermat fir-rapporti tal-ħaddiema soċjali. Il-minuri kkonfermat dan anki mal-psikologu ir-Reverendu Joseph Farrugia li nħatar mill-Qorti specifikament sabiex jiltaqa' mal-minuri u jirrelata dwar jekk huwiex fl-interess tal-minuri li din terġa tistabbilixxi relazzjoni ma' ommha. L-espert kien ikkonkluda s-segwenti:

*"Mis-sessjoni li kelli ma' CC jidher ċar li t-tifla b'mod kategoriku ma' tridx li jkollha relazzjoni ma' ommha. It-tifla għandha memorji negattivi ħafna ta' ommha. Tħoss li ommha abbandunata u ma kinitx preżenti f'mumenti mportanti f'ħajjitha. CC titħasseb serjament dwar il-kwalitajiet materni ta' ommha. Ma tifhimx kif kienet assenti għal snin twal u issa tridha f'ħajjitha. Fi kliem ieħor CC għandha idea negattiva ħafna ta' ommha u tħoss li hija persuna manipulattiva u egoista. CC tikkritika l-fatt li ommha kellha diversi relazzjonijiet ma' rġiel u li minn dawn id-diversi relazzjonijiet kien hemm l-ulied. B'mod kostanti fis-sessjoni kollha CC baqgħet ssostni l-istess verżjoni, jiġifieri li ma tridx tistabbilixxi relazzjoni ma' ommha.*

*B'mod metaforiku f'dan il-każ qegħda tiġi applikata l-liġi ta' trobbija tal-ulied (parenting skills) li tgħid "dak li tiżra taħsad". Meta wieħed ma jiżra xejn, għax ma jieħux ħsieb b'mod responsabbli r-relazzjoni mal-ulied, jispiċċa li ma jaħsad xejn. U allura ma tistax tippretendi li taħsad il-frott (relazzjoni pożittiva mal-ulied) meta ma tkun żrajt xejn. Għalhekk b'dispjaċir u fl-istess ħin b'responsabilita' nivvaluta li mhux fl-interess għall-minuri CC li tiġi stabbilita' relazzjoni ma' l-omm."* (a fol. 261 sa 263 tal-proċess)

Il-Qorti kellha l-opportunita' li titkellem mal-minuri u tisma' sewwa sew hija x'tixtieq u x'kellha xi tgħid dwar it-tilwim bejn il-ġenituri tagħha u dwar ir-relazzjoni tagħha ma' kull wieħed minnhom rispettivament.

Il-Qorti xtrattet ukoll l-informazzjoni kollha li tirriżulta mill-atti, inkluż dak riportat lilha mill-ħaddiema soċjali li evalwaw u segwew mill-qrib ir-

relazzjoni ta' bejn il-minuri u l-ġenituri tagħha. Qieset ukoll bir-reqqa dak illi rrelata dwaru l-espert psikologu r-Reverendu Joseph Farrugia u l-konkluzjonijiet minnu milħuqa.

Hija l-fehma ferm meqjusa ta' din il-Qorti li t-turbolenzi fil-ħajja tal-attriċi kellhom impatt fuq il-minuri li f'xi żmien ħassitha abbandunata minn ommha. Il-Qorti qieset ukoll li l-attriċi kellha diversi relazzjonijiet ma' rġiel oħra u minn dawn ir-relazzjonijiet kellha wkoll l-ulied. Qieset ukoll in-nuqqas ta' stabbilita' b'mod ġenerali fil-ħajja tal-omm. Anki jekk jidher li hemm ir-rieda li l-attriċi tieħu fuqha r-responsabilita' ta' bintha, u anki jekk il-minuri CC hija ħerqana li tistabilixxi relazzjoni ma' ommha, il-Qorti hija tal-fehma li fil-preżent, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, ikun aktar għaqli jekk il-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' fdata f'idejn in-nanniet materni. Żgur illi n-nanniet materni jistgħu fil-preżent joffru aktar stabbilita' lill-minuri li llum tgħodd erbatax (14)-il sena u qiegħda f'fażi kritika ta' żvilupp emozzjonali, fiżiku u edukattiv u għalhekk teħtieġ li tkun fdata f'idejn responsabbli.

In kwantu għall-aċċess tal-partijiet għall-minuri binthom, ikun għaqli jekk dawn jilħqu ftehim bejniethom, ftehim illi jkun jirrifletti l-eżiġenzi tal-partijiet kollha involuti partikolarment dawk tal-minuri. Madanakollu, peress illi teżisti diffikulta' serja ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, il-Qorti tqis opportun illi tipprovdi modalita' t'aċċess sabiex jekk il-partijiet jonqsu milli jiftehmu bejniethom għar-rigward, allura jkunu jistgħu isegwu l-modalita' stabbilita' mill-Qorti.

Il-Qorti tqis illi ġaladarba l-minuri ser tibqa' taħt il-kura u kustodja tan-nanniet materni, u tenut kont tal-fatt illi hemm relazzjoni tajba bejn l-attriċi u l-ġenituri tagħha, mhux meħtieġ illi l-Qorti tiffissa modalita' t'aċċess favur l-attriċi.

In kwantu l-aċċess favur il-missier, dan għandu jiġi eżerċitat kull nhar ta' Erbgħa billi l-missier jiġbor lill-minuri mill-iskola u jirritornaha lura fejn l-għassa tar-Rabat fis-6:00pm fejn għandha tinġabar min-nanniet materni u nhar ta' Sibt fl-10:00am minn quddiem l-għassa tar-Rabat, Għawdex u tiġi ritornata fejn l-għassa msemmija fl-4:00pm fejn tinġabar min-nanniet materni. Il-Qorti tirribadixxi li din il-modalita' għandha tiġi segwita biss jekk kemm il-darba l-ġenituri tal-minuri u l-partijiet f'din il-kawża ma jseħħilhomx jagħmlu sforz li jiftehmu fuq modalita' t'aċċess differenti u aktar ampja favur il-missier.

Dwar il-kontro-talba, il-Qorti diġa esprimiet ampjament il-fehmiet tagħha fir-rigward ta' min huwa l-aktar idoneu illi jiġi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri u għalhekk sejra tiċħad l-ewwel talba rikonvenzjonali.

In kwantu t-tieni talba rikonvenzjonali, il-Qorti tqis illi ebda ammont ma huwa dovut mill-attriċi lill-konvenut in kwantu retta alimentarja għall-minuri.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri CC tibqa' fdata f'idejn in-nanniet materni b'dan illi l-ġenituri għandhom ikollhom aċċess kif spjegat aktar `l fuq.

Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
D/Reġistratur